Brussell, 11 ta' Diċembru 2008
S407/08

**Rapport dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà**

**- Nipprovdu s-Sigurtà f'Dinja li qed Tinbidel -**

## Sommarju Eżekuttiv

Ħames snin wara l-adozzjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, l-Unjoni Ewropea qed terfa' responsabbiltajiet akbar milli qatt kellha fl-istorja tagħha.

L-UE tibqa' ankra ta' stabbiltà. It-tkabbir ġab miegħu firxa akbar ta' demokrazija u ta' prosperità madwar il-kontinent tagħna. Il-Balkani qed jinbidlu għall-aħjar. Il-politika tal-viċinat tagħna ħolqot qafas b'saħħtu għar-relazzjonijiet mal-imsieħba fin-Nofsinhar u fil-Lvant, li issa ħa dimensjoni ġdida bl-Unjoni għall-Mediterran u s-Sħubija tal-Lvant. Mill-2003 'l hawn, l-UE għamlet differenza dejjem akbar fl-indirizzar tal-kriżijiet u tal-konflitti, f'postijiet bħall-Afganistan u l-Ġeorġja.

Safrattant, għoxrin sena wara l-Gwerra Bierda, l-Ewropa qed tiffaċċja theddid u sfidi dejjem iżjed kumplessi.

Konflitti fil-Lvant Nofsani u f'postijiet oħra fid-dinja jibqgħu mhux solvuti, oħrajn faqqgħu anke fil-viċinat tagħna. Il-falliment tal-istat jaffettwa s-sigurtà tagħna permezz tal-kriminalità, l-immigrazzjoni illegali u, l-aktar riċenti, il-piraterija. It-terroriżmu u l-kriminalità organizzata evolvew f'minaċċa ġdida, inkluż fis-soċjetajiet tagħna stess. Il-programm nukleari Iranjan avvanza b'mod sinifikanti, u qed ikun ta' periklu għall-istabbiltà fir-reġjun u għas-sistema kollha tan-nonproliferazzjoni.

Il-globalizzazzjoni ġabet magħha opportunitajiet ġodda. Tkabbir għoli fid-dinja li qed tiżviluppa, immexxija miċ-Ċina, ħeles lill-miljuni mill-faqar. Iżda l-globalizzazzjoni ġabet magħha wkoll theddid aktar kumpless u interkonness. L-arterji tas-soċjetà tagħna - bħas-sistemi tal-informazzjoni u l-forniment tal-enerġija - huma aktar vulnerabbli. It-tisħin globali u d-degradazzjoni ambjentali qed ibiddlu wiċċ il-pjaneta tagħna. Barra minn hekk, il-globalizzazzjoni qed taċċellera ċ-ċaqliq fil-poter u qed tesponi differenzi fil-valuri. Taqlib finanzjarju riċenti heżżeż kemm ekonomiji żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw.

L-Ewropa ser tiffaċċja dawn l-isfidi ġodda b'determinazzjoni, bħalma għamilna fl-imgħoddi.

Waqt li tħaddem firxa unika ta' strumenti, l-UE diġà qed tikkontribwixxi biex id-dinja tkun aktar sigura. Aħna ħdimna biex nibnu s-sigurtà tal-bniedem, billi nnaqqsu l-faqar u l-inugwaljanza, nippromwovu l-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem, nassistu l-iżvilupp, u nindirizzaw il-kawżi fl-għeruq tal-konflitt u l-insigurtà. L-UE tibqa' l-akbar donatur għall-pajjiżi fil-bżonn. Huwa meħtieġ impenn fuq perijodu fit-tul għall-istabbilizzazzjoni dejjiema.

Matul l-aħħar deċennju, il-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża, bħala parti integrali mill-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tagħna, kibret fl-esperjenza u l-kapaċità, b'aktar minn 20 missjoni skjerata bħala rispons għall-kriżijiet, li jvarjaw mill-konsolidazzjoni tal-paċi wara t-tsunami fl-Aceh għall-protezzjoni tar-refuġjati fiċ-Ċad.

Dawn il-kisbiet huma r-riżultat ta' approċċ Ewropew distintiv għall-politika estera u ta' sigurtà. Iżda ma hemmx lok għal kompjaċenza. Biex niżguraw is-sigurtà tagħna u nissodisfaw l-aspettazzjonijiet taċ-ċittadini tagħna, irridu nkunu lesti nsawru l-ġrajjiet. Dan ifisser li nsiru aktar strateġiċi fil-mod tal-ħsieb tagħna, u aktar effettivi u viżibbli madwar id-dinja. Aħna nirnexxu l-aktar meta noperaw fil-waqt u b'mod koerenti, imsaħħa b'kapaċitajiet adatti u b'appoġġ pubbliku sostnut.

Soluzzjonijiet dejjiema għall-konflitt iridu jgħaqqdu flimkien l-atturi reġjonali kollha li għandhom interess komuni ta' paċi. Gvernijiet sovrani jridu jerfgħu r-responsabbiltà għall-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħhom u jerfgħu responsabbiltà konġunta għall-protezzjoni tal-popolazzjonijiet mill-ġenoċidju, id-delitti tal-gwerra, it-tindif etniku u d-delitti kontra l-umanità.

Huwa importanti li l-pajjiżi jimxu mal-prinċipji fondamentali tal-Karta tan-NU u mal-prinċipji u l-impenji tal-OSKE. Irridu nkunu ċari li r-rispett lejn is-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-istati u s-soluzzjoni paċifika għat-tilwim ma humiex negozjabbli. It-theddid jew l-użu tal-forza militari ma tistax titħalla ssolvi kwistjonijiet territorjali - imkien.

Fuq livell globali, l-Ewropa għandha tmexxi tiġdid tal-ordni multilaterali. In-NU tinsab fil-quċċata tas-sistema internazzjonali. Dak kollu li għamlet l-UE fil-qasam tas-sigurtà kien marbut mal-objettivi tan-NU. Għandna mument uniku biex inġeddu l-multilateraliżmu, b'ħidma mal-Istati Uniti u mal-imsieħba tagħna madwar id-dinja. Għall-Ewropa, is-sħubija transatlantika tibqa' pedament li ma jistax jinbidel, ibbażat fuq storja u responsabbiltajiet komuni. L-UE u n-NATO jeħtiġilhom japprofondixxu s-sħubija strateġika tagħhom għal kooperazzjoni aħjar fil-maniġġar tal-kriżijiet.

L-UE għamlet progress sostanzjali tul l-aħħar ħames snin. Aħna rikonoxxuti bħala kontributur importanti għal dinja aħjar. Iżda, minkejja dak kollu li nkiseb, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (SES) għadha għaddejja. Biex nilħqu l-potenzjal kollu tagħna jeħtiġilna nkunu dejjem *aktar kapaċi, aktar koerenti u aktar ħawtiela.*

**Introduzzjoni**

Il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (SES) f'Diċembru 2003. Għall-ewwel darba, huwa stabbilixxa prinċipji u ffissa objettivi ċari biex l-interessi ta' sigurtà tal-UE jimxu 'l quddiem abbażi tal-valuri ċentrali tagħna. L-SES hija komprensiva fl-approċċ tagħna u tibqa' kompletament rilevanti.

Dan ir-rapport ma jiħux post l-SES, iżda jsaħħaħha. Jagħti opportunità biex isir studju ħalli naraw kif morna fil-prattika, u x'jista' jsir biex titjieb l-implimentazzjoni.

## I. <u>SFIDI GLOBALI U THEDDIDIET PRINĊIPALI</u>

L-SES identifikat firxa ta' theddid u sfidi għall-interessi ta' sigurtà tagħna. Wara ħames snin dawn għadhom hemm: x'uħud kisbu sinifikat akbar, u kollha saru aktar kumplessi.

### <u>Il-Proliferazzjoni tal-Armi tal-Qerda Massiva</u>

Il-proliferazzjoni kemm mill-istati kif ukoll mit-terroristi kienet identifikata fl-SES bħala 'potenzjalment l-akbar theddida għas-sigurtà tal-UE'. Ir-riskju żdied fl-aħħar ħames snin, u l-qafas multilaterali sab ruħu taħt pressjoni. Waqt li l-Libja żarmat il-programm tal-Armi tal-Qerda Massiva (AQM) tagħha, l-Iran, kif ukoll il-Korea ta' Fuq, għad iridu jiksbu l-fiduċja tal-komunità internazzjonali. Il-probabbiltà tar-rilanċ tal-enerġija nuklrari ċivili fid-deċennji li ġejjin ukoll toffri sfidi għas-sistemi tan-nonproliferazzjoni, jekk ma tkunx akkumpanjata mill-protezzjoni meħtieġa.

L-UE kienet attiva ħafna fil-fora multilaterali, abbażi tal-Istrateġija tal-AQM, adottata fl-2003, u fuq quddiem nett tal-isforzi internazzjonali biex tindirizza l-programm nukleari tal-Iran. L-Istrateġija tenfasizza l-prevenzjoni, billi taħdem permezz tal-ftehimiet tan-NU u dawk multilaterali, billi taġixxi bħala donatur prinċipali u billi taħdem ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali biex ittejjeb il-kapaċitajiet tagħhom li jevitaw il-proliferazzjoni.

Dan l-approċċ għandna nkompluh, b'azzjoni politika u finanzjarja. Huwa kritiku li jkun hemm eżitu b'suċċess għall-Konferenza għar-Reviżjoni tat-Trattat tan-Nonproliferazzjoni fl-2010, bil-ħsieb b'mod partikolari tat-tisħiħ tal-arranġamenti tan-nonproliferazzjoni. Aħna ser nistinkaw biex niżguraw li, b'mod bilanċjat, effettiv, u konkret, din il-konferenza teżamina l-mezzi għal żieda fl-isforzi internazzjonali kontra l-proliferazzjoni, issegwi d-diżarm u tiżgura l-iżvilupp responsabbli ta' użi paċifiċi tal-enerġija nukleari mill-pajjiżi li jixtiequ jagħmlu dan.

Hija meħtieġa aktar ħidma dwar kwistjonijiet spċifiċi, li jinkludu: l-appoġġ tal-UE għal approċċ multilaterali għaċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari; il-ġlieda kontra l-finanzjament tal-proliferazzjoni; miżuri dwar il-bijosikurezza u l-bijosigurtà; żamma taħt kontroll tas-sistemi tal-kunsinja tal-proliferazzjoni, b'mod partikolari l-missili ballistiċi. Għandhom jibdew negozjati dwar trattat multilaterali li jibbrojbixxi l-produzzjoni ta' materjal fissili għall-armi nukleari.

**Terroriżmu u Kriminalità Organizzata**

It-terroriżmu, fl-Ewropa u madwar id-dinja, jibqa' theddida prinċipali għall-għixien tagħna. Saru attakki f'Madrid u f'Londra, waqt li oħrajn ġew sfrattati, u gruppi li jiffurmaw fil-pajjiż għandhom rwol dejjem akbar fil-kontinent tagħna. Il-kriminalità organizzata tkompli timminaċċja s-soċjetajiet tagħna, flimkien mat-traffikar tad-droga, tal-bedmin, u tal-armi, spalla ma' spalla mal-frodi internazzjonali u l-ħasil tal-flus.

Mill-2003 'l hawn, l-UE għamlet progress fit-trattament tat-tnejn, b'miżuri addizzjonali fl-Unjoni, taħt il-Programm tal-Aja tal-2004, u l-Istrateġija ġdida għad-Dimensjoni Esterna tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, adottata fl-2005. Dawn għamluha iżjed faċli li jitkomplew l-investigazzjonijiet transkonfinali, u li l-prosekuzzjoni tkun koordinata. L-Istrateġija tal-UE Kontra t-Terroriżmu, anke din mill-2005, hija bbażata fuq ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali. Hija ssegwi approċċ fuq erba' binarji: il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ u l-fatturi warajhom; il-protezzjoni ta' miri potenzjali; is-segwiment tat-terroristi; u r-rispons għal dak li jiġi wara attakk. Waqt li l-azzjoni nazzjonali hija kruċjali, il-ħatra ta' Koordinatur għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu kienet pass importanti 'l quddiem fuq il-livell Ewropew.

Fl-UE, ħdimna ħafna biex nipproteġu s-soċjetajiet tagħna mit-terroriżmu. Għandna nirrestrinġu l-arranġamenti ta' koordinazzjoni għat-trattament ta' inċident terroristiku kbir, b'mod partikolari jekk jintużaw materjali kimiċi, radjoloġiċi, nukleari u bijoterroristiċi, abbażi tad-dispożizzjonijiet eżistenti bħall-Arranġamenti dwar il-Koordinazzjoni ta' Kriżi u l-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili. Hija meħtieġa aktar ħidma dwar il-finanzjament tat-terroriżmu, flimkien ma' politika tal-UE effettiva u komprensiva dwar il-qsim tal-informazzjoni, waqt li jittieħed kont tajjeb tal-protezzjoni tad-data personali.

Jeħtieġ li naħdmu aktar kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, billi nindirizzaw l-ideoloġija estremista u nittrattaw id-diskriminazzjoni. Id-djalogu interkulturali, permezz ta' fora bħall-Alleanza taċ-Ċiviltajiet, għandha rwol importanti.

Dwar il-kriminalità organizzata, sħubiji eżistenti fil-viċinat tagħna u msieħba prinċipali, u fin-NU, għandhom ikunu approfonditi, fl-indirizzar tal-moviment tal-persuni, u l-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja. L-implimentazzjoni tal-istrumenti eżistenti tan-NU dwar il-kriminalità hija essenzjali. Għandna nsaħħu aktar is-sħubija tagħna mal-Istati Uniti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż fil-qasam tal-kondiviżjoni u l-protezzjoni tad-data. Kif ukoll, għandna nsaħħu l-kapaċità tal-imsieħba tagħna fl-Asja tan-Nofsinhar, l-Afrika, u l-viċinat tagħna tan-Nofsinhar. L-UE għandha tappoġġa l-isforzi multilaterali, prinċipalment fin-NU.

Jeħtiġilna ntejbu l-mod kif nressqu flimkien id-dimensjonijiet interni u esterni. Koordinazzjoni, trasparenza u flessibbiltà aħjar huma meħtieġa bejn l-aġenziji differenti, fuq livell nazzjonali u Ewropew. Dan kien identifikat diġa fl-SES, ħames snin ilu. Il-progress s'issa kien bil-mod u inkomplet.

**Ċibersigurtà**

L-ekonomiji moderni jiddependu bil-kbir fuq infrastruttura kritika inkluż it-trasport, il-komunikazzjoni u l-forniment tal-enerġija, iżda wkoll l-internet. L-Istrateġija tal-UE għal Soċjetà tal-Informazzjoni Sigura, adottata fl-2006 tindirizza l-kriminalità bbażata fuq l-internet. Madanakollu, attakki kontra s-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (TI) fl-Istati Membri ġabu magħhom dimensjoni ġdida f'dan kollu, bħala arma ekonomika, politika u militari potenzjali ġdida.

Hija meħtieġa aktar ħidma f'dan il-qasam, biex ikun esplorat approċċ komprensiv tal-UE, li tqajjem kuxjenza u biex tiżdied il-kooperazzjoni internazzjonali.

**<u>Sigurtà tal-Enerġija</u>**

Il-preokkupazzjonijiet dwar id-dipendenza tal-enerġija żdiedu matul l-aħħar ħames snin. Tnaqqis fil-produzzjoni fl-Ewropa jfisser li sal-2030 sa 75 % taż-żejt u l-gass tagħna jkollhom jiġu impurtati. Dawn ser jiġu minn numru limitat ta' pajjiżi, li ħafna minnhom jiffaċċjaw theddid kontra l-istabbiltà. Għalhekk, għandna quddiemna firxa ta' sfidi għas-sigurtà, li jinvolvu r-responsabbiltà u s-solidarjetà tal-Istati Membri kollha.

Ir-rispons tagħna jeħtieġ li jieħu forma ta' politika tal-enerġija tal-UE li tgħaqqad id-dimensjonijiet esterni u interni. Ir-rapport konġunt tar-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni f'Ġunju 2006 stabbilixxa l-elementi prinċipali. Fl-Ewropa neħtieġu suq tal-enerġija aktar unifikat, b'aktar interkonnessjoni, b'attenzjoni partikolari għall-pajjiżi l-aktar iżolati u l-mekkaniżmi ta' kriżi biex nittrattaw l-interruzzjoni tal-forniment.

Diversifikazzjoni akbar, tal-karburanti, tas-sorsi ta' forniment, u tar-rotot ta' transitu, hija essenzjali, bħalma huma l-governanza tajba, ir-rispett għall-Istat tad-Dritt u l-investiment fil-pajjiżi għejun. Il-politika tal-UE tappoġġa dawn l-objettivi permezz tal-impenn mal-Asja Ċentrali, il-Kawkasu u l-Afrika, kif ukoll permezz tas-Sħubija tal-Lvant u l-Unjoni għall-Mediterran. L-enerġija hija fattur prinċipali fir-relazzjonijiet UE-Russja. Il-politika tagħna għandha tindirizza r-rotot ta' transitu, inkluż minn ġot-Turkija u l-Ukraina. Mal-imsieħba tagħna, inklużi ċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun u l-Istati Uniti, għandna nippromwovu l-enerġija li tiġġedded, it-teknoloġiji ta' karbonju baxx u l-effiċjenza tal-enerġija, flimkien ma' swieq trasparenti u rregolati tajjeb.

**<u>It-tibdil fil-klima</u>**

Fl-2003, l-SES kienet diġà identifikat l-implikazzjonijiet tat-tibdil fil-klima għas-sigurtà. Ħames snin wara dan sar aktar urġenti. F'Marzu 2008, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni ppreżentaw rapport lill-Kunsill Ewropew li ddeskriva t-tibdil fil-klima bħala li hi "multiplikatur tat-theddid". Id-diżastri naturali, id-degradazzjoni tal-ambjent u l-kompetizzjoni għar-riżorsi jkabbru l-konflitt, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' faqar u żieda fil-popolazzjoni, b'konsegwenzi umanitarji, tas-saħħa, politiċi u ta' sigurtà, inkluż żieda fil-migrazzjoni. It-tibdil fil-klima jista' wkoll iwassal għal tilwim dwar ir-rotot tal-kummerċ, iż-żoni marittimi u r-riżorsi li qabel kienu inaċċessibbli.

Min-naħa tagħna tejjibna l-prevenzjoni tal-konflitti u l-maniġġjar tal-kriżijiet, imma jeħtiġilna ntejbu l-analiżi u l-kapaċitajiet ta' twissija bikrija. L-UE ma tistax twettaq dan weħidha. Jeħtiġilna nżidu l-ħidma tagħna ma' pajjiżi li jinsabu l-aktar fir-riskju billi nżidulhom il-kapaċità biex ikampaw. Il-kooperazzjoni internazzjonali, man-NU u organizzazzjonijiet reġjonali, ser tkun essenzjali.

## II. KONSOLIDAZZJONI TAL-ISTABBILTÀ FL-EWROPA U LIL HINN MINNHA

Fil-kontinent tagħna, it-tkabbir ikompli jkun mutur b'saħħtu għall-istabbiltà, il-paċi u r-riforma.

In-negozjati mat-Turkija bdew fl-2005, u minn dakinhar 'il hawn nfetħu numru ta' kapitoli. Il-progress fil-Balkani tal-Punent kien kontinwu, anke jekk bil-mod. In-negozjati ta' adeżjoni mal-Kroazja jinsabu fi stat avvanzat. Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kisbet status ta' kandidat. Ġew iffirmati Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-pajjiżi l-oħra tal-Balkani tal-Punent. Is-Serbja qorbot biex tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha biex tersaq lejn relazzjonijiet approfonditi mal-UE. L-UE tibqa' twettaq rwol ewlieni fil-Bosnja u Ħerzegovina, iżda, minkejja l-progress, huwa meħtieġ aktar mill-mexxejja politiċi lokali biex jingħeleb l-istaġnar tar-riformi.

Aħna qed niskjeraw l-EULEX, l-akbar missjoni ċivili tal-PESD tagħna s'issa, fil-Kosovo u ser inkomplu nagħtu appoġġ ekonomiku sostanzjali. Fir-reġjun kollu, il-kooperazzjoni u r-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien huma indispensabbli.

Huwa fl-interess tagħna li l-pajjiżi mal-konfini tagħna jkunu ggvernati tajjeb. Il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), imnedija fl-2004, tappoġġa dan il-proċess. Fil-Lvant, il-pajjiżi kollha eliġibbli jipparteċipaw għajr il-Bjelorussja, li magħha issa qed nieħdu passi f'din id-direzzjoni.

Mal-Ukraina, imxejna aktar minn hekk, bi ftehim ta' assoċjazzjoni li jimraħ fil-bogħod u li wasal biex ikun finalizzat. Dalwaqt nibdew negozjati mar-Repubblika tal-Moldova dwar ftehim simili. Tnediet is-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed biex tikkumplimenta l-politiki bilaterali tal-UE f'dan ir-reġjun ta' importanza partikolari għall-Ewropa.

Issa qamu preokkupazzjonijiet ġodda dwar l-hekk imsejħa "konflitti ffriżati" fil-viċinat tagħna tal-Lvant. Is-sitwazzjoni fil-Ġeorġja, fir-rigward tal-Abkazja u l-Ossezja tan-Nofsinhar, eskalat u wasslet għall-konflitt armat bejn ir-Russja u l-Ġeorġja f'Awwissu 2008. L-UE mexxiet ir-rispons internazzjonali, permezz ta' medjazzjoni bejn il-partijiet, assistenza umanitarja, missjoni ta' monitoraġġ ċivili, u appoġġ finanzjarju sostanzjali. L-impenn tagħna ser ikompli, bl-UE tmexxi l-Proċess ta' Ġinevra. Soluzzjoni għall-konflitt Transnistrijan saret aktar possibbli, permezz tal-parteċipazzjoni attiva tal-UE fil-format tan-negozjati 5+2, u l-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntiera.

Il-Mediterran, żona ta' importanza u opportunità kbira għall-Ewropa, għadu jippreżenta sfidi kumplessi, bħar-riforma politika insuffiċjenti u l-migrazzjoni illegali. L-UE u diversi msieħba Mediterranji, b'mod partikolari l-Iżrael u l-Marokk, qed jaħdmu biex japprofondixxu r-relazzjonijiet bilaterali tagħhom. Il-PEV saħħet ir-riformi li oriġinaw fil-proċess ta' Barċellona fl-1995, iżda l-konflitt reġjonali, flimkien mar-radikaliżmu li qed jiżdied, ikompli jiżra' l-instabbiltà.

L-UE kienet ċentrali fl-isforzi lejn soluzzjoni fil-Lvant Nofsani, permezz tar-rwol tagħha fil-Kwartett, il-kooperazzjoni mal-Iżrael u mal-Awtorità Palestinjana, mal-Lega Għarbija u ma' msieħba reġjonali oħrajn. L-UE hija impenjata bis-sħiħ fil-Proċess ta' Annapolis lejn soluzzjoni b'żewġ stati, u qed tikkontribwixxi appoġġ finanzjarju u baġitarju sostnut lill-Awtorità Palestinjana, u lill-konsolidazzjoni tal-kapaċità, inkluż permezz tal-iskjerament fil-post ta' esperti tal-ġudikatura, tal-pulizija u tal-ġestjoni tal-konfini. Fil-Libanu, l-Istati Membri jipprovdu s-sinsla tal-missjoni taż-żamma tal-paċi UNIFIL. Dwar l-Iraq, l-UE appoġġat il-proċess politiku, ir-rikostruzzjoni, u l-Istat tad-Dritt, inkluż permezz tal-missjoni EUJUST LEX.

Mill-2003 'l hawn, l-Iran qed ikun sors ta' inkwiet dejjem akbar. Il-programm nukleari Iranjan kien is-suġġett ta' riżoluzzjonijiet suċċessivi fil-KSNU u l-IAEA. L-iżvilupp ta' kapaċità militari nukleari tkun ta' theddida għas-sigurtà tal-UE li ma tistax tiġi aċċettata. L-UE mexxiet approċċ fuq binarju doppju, li jgħaqqad id-djalogu ma' żieda fil-pressjoni, flimkien mal-Istati Uniti, iċ-Ċina u r-Russja. Ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta offerta lill-Iran li twassal 'il bogħod biex jerġa' jibni l-fiduċja u l-impenn mal-komunità internazzjonali. Iżda, jekk minflok hekk, il-programm nukleari javvanza, tiżdied il-ħtieġa ta' miżuri addizzjonali b'appoġġ għall-proċess tan-NU. Fl-istess ħin, għandna bżonn naħdmu mal-pajjiżi tar-reġjun, inklużi l-Istati tal-Golf, biex nibnu s-sigurtà reġjonali.

L-SES irrikonoxxiet li l-Ewropa għandha interessi ta' sigurtà lil hinn mill-viċinat immedjat tagħha. F'dan ir-rispett, l-Afganistan huwa ta' preokkupazzjoni partikolari. L-Ewropa għandha impenn fuq perijodu fit-tul biex iġġib l-istabbiltà. L-Istati Membri tal-UE jagħtu kontribut kbir lill-missjoni tan-NATO, u l-UE hija impenjata għall-governanza u l-iżvilupp fil-livelli kollha. Il-Missjoni tal-Pulizija tal-UE qed tiġi estiża. Dawn l-isforzi ma jirnexxux mingħajr is-sens sħiħ ta' pussess mill-Afganistan, u l-appoġġ mill-pajjiżi ġirien: b'mod partikolari l-Pakistan, iżda wkoll l-Indja, l-Asja Ċentrali u l-Iran. Tassew li prospetti mtejba għal relazzjonijiet tajba bejn l-Indja u l-Pakistan fis-snin riċenti kienu element pożittiv fir-rekord tal-bilanċ strateġiku.

**Irbitt bejn is-Sigurtà u l-Iżvilupp**

Bħalma rrikonoxxew l-SES u l-Kunsens għall-Iżvilupp tal-2005, ma jistax ikun hemm żvilupp sostenibbli mingħajr il-paċi u s-sigurtà, u mingħajr l-iżvilupp u t-tneħħija tal-faqar mhux ser ikun hemm paċi sostenibbli. Theddid għas-saħħa pubblika, b'mod partikolari l-pandemiji, ikomplu jimminaw l-iżvilupp. Id-drittijiet tal-bniedem huma parti fundamentali mill-bilanċ. F'ħafna żoni ta' konflitt jew ta' wara l-konflitt, irridu nindirizzaw l-użu tal-biża' tal-vjolenza sesswali bħala arma ta' intimidazzjoni u terrur. Implimentazzjoni effettiva tal-UNSCR 1820 dwar il-vjolenza sesswali f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat hija essenzjali.

Il-konflitt huwa ħafna drabi marbut mal-fraġilità. Pajjiżi bħas-Somalja huma maqbudin f'ċirku vizzjuż ta' governanza dgħajfa u konflitt rikorrenti. Aħna stinkajna biex dan jitkisser, kemm permezz tal-assistenza għall-iżvilupp kif ukoll permezz ta' miżuri li jiżguraw sigurtà aħjar. Riforma tas-Settur tas-Sigurtà u d-Diżarm, id-Demobilitazzjoni u Reintegrazzjoni, huma parti kruċjali mill-istabbilizzazzjoni u r-rikostruzzjoni ta' wara l-konflitt, u kienu l-punt fokali tal-missjonijiet tagħna fil-Ginea-Bissaw u r-RD tal-Kongo. Dan ikollu l-aktar suċċess meta jsir fi sħubija mal-komunità internazzjonali u l-partijiet interessati lokali.

Esplojtazzjoni bla ħniena tar-riżorsi naturali spiss tkun kawża bażika għall-konflitt. Hemm żieda fit-tensjonijiet dwar l-ilma u l-materja prima li teħtieġ soluzzjonijiet multilaterali. Il-Proċess ta' Kimberly u l-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji tal-Estrazzjoni joffru mudell innovattiv biex din il-problema tiġi indirizzata.

**Piraterija**

L-SES enfasizzat li l-piraterija hija dimensjoni ġdida tal-kriminalità organizzata. Hija wkoll ir-riżultat ta' falliment tal-istat. L-ekonomija tad-dinja tiddependi fuq ir-rotot bil-baħar għal 90 % tal-kummerċ. Il-piraterija fl-Oċean Indjan u l-Golf ta' Aden wasslet biex din il-kwistjoni tikseb aktar urġenza fl-aħħar xhur, u affettwat il-forniment tal-għajnuna umanitarja lis-Somalja. L-UE rrispondiet, inkluż permezz tal-ATALANTA, l-ewwel missjoni marittima tagħna tal-PESD, biex tiskoraġġixxi l-piraterija lil hinn mill-kosta tas-Somalja, flimkien mal-pajjiżi affettwati u atturi internazzjonali oħrajn, inkluż in-NATO.

**Armamenti Żgħar u Armi Ħfief (SALW), Munizzjonijiet Raggruppati u Mini Splussivi**

Fl-2005, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE biex tikkumbatti l-akkumulazzjoni illeċita u t-traffikar ta SALW u l-munizzjoni tagħhom. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tagħha, l-UE tappoġġa l-Programm ta' Azzjoni tan-NU f'dan il-qasam. L-UE ser tkompli tiżviluppa attivitajiet biex tikkumbatti t-theddid ikkawżat mis-SALW illeċiti.

L-UE tat appoġġ qawwi lill-kunċett ta' Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi internazzjonali u ddeċidiet li tappoġġa l-proċess li jwassal għall-adozzjoni tiegħu. L-UE hija wkoll donatur ewlieni għall-azzjoni kontra l-mini. Hija appoġġat attivament u ppromwoviet il-Konvenzjoni ta' Ottawa dwar il-Mini Splussivi Kontra l-Persunal madwar id-dinja. Il-Konvenzjoni ta' Oslo dwar il-Munizzjonijiet Raggruppati, maqbula f'Dublin f'Mejju 2008, tirrappreżenta pass importanti 'l quddiem fir-rispons għall-problemi umanitarji kkawżati minn dan it-tip ta' munizzjonijiet, li jikkostitwixxu preokkupazzjoni prinċipali għall-Istati Membri kollha tal-UE. L-adozzjoni ta' protokoll dwar dan it-tip ta' munizzjon fil-qafas tan-NU li tinvolvi l-potenzi militari prinċipali kollha tkun pass importanti 'l quddiem.

## III. L-EWROPA F'DINJA LI QED TINBIDEL

Biex nirrispondu għal ambjent ta' sigurtà li qed jinbidel għandna nkunu aktar effettivi - bejnietna, fil-viċinat tagħna u madwar id-dinja.

### A. Ewropa aktar effettiva u kapaċi

Il-kapaċità tagħna li nindirizzaw l-isfidi evolviet matul l-aħħar ħames snin, u rridu nkomplu naħdmu għal dan il-għan. Irridu nsaħħu l-koerenza tagħna, permezz ta' koordinazzjoni istituzzjonali aħjar u teħid ta' deċiżjonijiet b'mod aktar strateġiku. Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona jipprevedu qafas biex dan jintlaħaq.

Il-prevenzjoni li t-theddid isir minn sorsi f'postijiet ta' konflitt minn kmieni hemm bżonn li tkun fil-qalba tal-approċċ tagħna. Il-konsolidazzjoni tal-paċi u t-tnaqqis tal-faqar fuq perijodu fit-tul huma essenzjali għal dan. Kull sitwazzjoni tirrikjedi użu koerenti tal-istrumenti tagħna, inklużi dawk politiċi, diplomatiċi, ta' żvilupp, umanitarji, ta' rispons għall-kriżijiet, ta' kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali, u ta' ġestjoni ta' kriżijiet ċivili u militari. Għandna wkoll nespandu l-kapaċitajiet tagħna tad-djalogu u l-kapaċitajiet ta' medjazzjoni. Rappreżentanti Speċjali tal-UE jagħtu aktar importanza lill-influwenza tal-UE f'diversi reġjuni ta' konflitt. Is-soċjetà ċivili u l-NGOs għandhom rwol vitali bħala atturi u msieħba. Il-missjonijiet tagħna ta' monitoraġġ fl-elezzjonijiet, immexxija mill-membri tal-Parlament Ewropew, ukoll jagħtu kontribut importanti.

Is-suċċess tal-PESD bħala parti integrali mill-Politika Komuni Esterna u ta' Sigurtà tagħna huwa rifless fil-fatt li l-għajnuna tagħna qiegħda tkun dejjem iżjed mitluba. Il-missjoni tagħna fil-Ġeorġja wriet li dak li jista' jintlaħaq meta naġixxu kollettivament bir-rieda politika meħtieġa. Imma aktar ma jkunu kumplessi l-isfidi li niffaċċjaw, aktar hemm bżonn li nkunu flessibbli. Irridu nipprijoritizzaw l-impenji tagħna, skont ir-riżorsi. Truppi Tattiċi u Skwadri ta' Rispons Ċivili żiedu l-kapaċità tagħna li nirreaġixxu f'malajr.

L-istrutturi ta' kmand adatti u effettivi u l-kapaċità tal-kwartieri ġenerali huma kruċjali. Il-kapaċità tagħna li ngħaqqdu l-kompetenza ċivili ma' dik militari mill-konċepiment ta' missjoni, matul il-fażi tat-tfassil sal-implimentazzjoni tagħha trid tkun imsaħħa. Qed niżviluppaw dan l-aspett tal-PESD billi npoġġu f'posthom l-istrutturi amministrattivi adatti u l-mekkaniżmi finanzjarji. Hemm ukoll ambitu fejn jitjieb it-taħriġ, waqt li nibnu fuq il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u Difiża u l-iskema ta' skambju ġdida għall-uffiċjali żgħażagh Ewropej, immodellata fuq l-Erasmus.

Jeħtieġ li nkomplu nintegraw il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fl-attivitajiet kollha f'dan il-qasam, inklużi l-missjonijiet tal-PESD, permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-persuni li jkun koerenti mal-kunċett tas-sigurtà tal-persuni. L-UE rrikonoxxiet ir-rwol tan-nisa fil-konsolidazzjoni tal-paċi. Implimentazzjoni effettiva tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU dwar in-Nisa, il-Paċi, is-Sigurtà u r-Riżoluzzjoni 1612 tal-KSNU dwar it-Tfal u l-Konflitt Armat hija essenzjali f'dan il-kuntest.

Għal missjonijiet ċivili, irridu nkunu kapaċi nlaqqgħu persunal imħarreġ b'varjetà ta' ħiliet u kompetenzi, niskjerawhom fi żmien qasir u nsostnuhom fil-post fuq perijodu fit-tul. Għandna bżonn interoperabbiltà sħiħa bejn il-kontinġenti nazzjonali. B'appoġġ għal dan, l-Istati Membri kkommettew ruħhom li jfasslu strateġiji nazzjonali biex jipprovdu d-disponibbiltà ta' esperti, ikkomplimentati b'aktar persunal li jista' jiġi skjerat b'appoġġ għall-missjoni, inkluż il-baġitjar u l-akkwist. Il-modi li bihom l-apparat jitpoġġa għad-dispożizzjoni u l-akkwist għandhom isiru aktar effettivi biex jippermettu skjerament tal-missjonijiet f'waqtu.

Għal missjonijiet militari rridu nkomplu nsaħħu l-isforzi tagħna fil-qasam tal-kapaċitajiet, kif ukoll bħala kollaborazzjoni reċiproka u arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-piż. L-esperjenza wriet li hemm il-ħtieġa li jsir aktar, b'mod partikolari dwar il-kapaċitajiet prinċipali bħat-trasport bl-ajru strateġiku, ħelikopters, assi spazjali, u sorveljanza marittima (kif stabbilit f'aktar dettal fid-Dikjarazzjoni dwar ir-Rinforz tal-Kapaċitajiet). Dawn l-isforzi għandhom ikunu appoġġati minn industrija tad-difiża kompetittiva u robusta fl-Ewropa kollha, b'investiment akbar fir-riċerka u l-iżvilupp. Mill-2004 l hawn, l-Aġenzija Ewropea tad-Difiża mexxiet il-proċess b'suċċess, u għandha tkompli tagħmel dan.

**B. <u>Impenn akbar mal-viċinat tagħna</u>**

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) saħħet ir-relazzjonijiet bilaterali mal-UE. Il-proċess issa jeħtieġ li jibni l-integrazzjoni reġjonali.

L-Unjoni għall-Mediterran, li ġiet imnedija f'Lulju 2008, tipprovdi mument politiku mġedded biex dan ikun segwit mal-imsieħba tagħna tan-Nofsinhar, permezz ta' aġenda wiesgħa, li tinkludi s-sikurezza marittima, l-enerġija, l-ilma u l-migrazzjoni. L-indirizzar tat-theddid għas-sigurtà bħal dak tat-terroriżmu ser ikun parti importanti.

Is-Sħubija tal-Lvant tipprevedi qabża reali ta' bidla fir-relazzjonijiet mal-ġirien tagħna tal-Lvant, b'titjib sinifikanti fir-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali. L-għan huwa t-tisħiħ tal-prosperità u l-istabbiltà ta' dawn il-pajjiżi, u għalhekk tas-sigurtà tal-UE. Il-proposti jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma ta' kooperazzjoni bilaterali u multilaterali inkluża s-sigurtà tal-enerġija u l-mobilità tal-persuni.

L-istabbiltà dejjiema fil-viċinat tagħna ser tirrikjedi sforz kontinwu mill-UE, flimkien man-NU, l-OSKE, l-Istati Uniti u r-Russja. Ir-relazzjonijiet tagħna mar-Russja ħżienu minħabba l-konflitt mal-Ġeorġja. L-UE tistenna li r-Russja tonora l-impenji tagħha b'mod li terġa' tkun stabbilita l-fiduċja meħtieġa. Is-sħubija tagħna għandha tkun ibbażata fuq ir-rispett għall-valuri komuni, b'mod partikolari d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, u l-Istat tad-Dritt, u l-prinċipji ekonomiċi tas-suq kif ukoll fuq interessi u objettivi komuni.

Neħtieġu sforz sostnut biex nindirizzaw il-konflitti fil-Kawkasu tan-Nofsinhar, fir-Repubblika tal-Moldova u bejn Iżrael u l-Istati Għarab. Hawnhekk, bħal fi bnadi oħra, impenn sħiħ mal-Istati Uniti ser ikun kruċjali. F'kull każ, is-soluzzjoni dejjiema għandha tlaqqa' flimkien l-atturi reġjonali kollha. Pajjiżi bħat-Turkija, l-Eġittu, il-Ġordan, l-Arabja Sawdita u l-Qatar kellhom rwol dejjem iżjed importanti fir-reġjun, waqt li għall-Iran dan ma kienx il-każ. Hemm opportunità partikolari biex issir ħidma mat-Turkija, inkluż permezz tal-Alleanza taċ-Ċiviltajiet.

## C. <u>Sħubiji għal Multilateraliżmu Effettiv</u>

Is-SES talbet biex l-Ewropa tikkontribwixxi għal ordni multilaterali aktar effettiva madwar id-dinja. Mill-2003, aħna saħħaħna s-sħubiji tagħna biex nilħqu dak l-objettiv. L-imsieħba ewlenija tal-Ewropa f'dan il-qasam u f'oħrajn hija l-Istati Uniti. Fejn ħdimna flimkien, l-UE u l-Istati Uniti kienu forza formidabbli ta' ġid fid-dinja.

In-NU jinsab fl-ogħla quċċata tas-sistema internazzjonali. Dak kollu li għamlet l-UE fil-qasam tas-sigurtà kien marbut mal-objettivi tan-NU. L-UE taħdem mill-qrib fit-teatri prinċipali, inklużi l-Kosovo, l-Afganistan, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, is-Sudan/Darfur, iċ-Ċad u s-Somalja, u dan tejjeb ir-rabtiet istituzzjonali, konformement mad-Dikjarazzjoni konġunta tagħna UE-NU tal-2007. Aħna nappoġġaw is-sittax-il operazzjoni attwali tal-paċi tan-NU.

L-UE u n-NATO ħadmu tajjeb flimkien fuq il-post fil-Balkani u fl-Afganistan, anke jekk ir-relazzjonijiet formali ma avvanzawx. Jeħtieġ li nsaħħu din is-sħubija strateġika b'servizz għall-interessi ta' sigurtà kondiviżi tagħna, b'kooperazzjoni operazzjonali aħjar, b'rispett sħiħ lejn l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' kull organizzazzjoni, u ħidma kontinwata dwar il-kapaċitajiet militari. Mill-2003, aħna approfondixxejna r-relazzjoni tagħna mal-OSKE, speċjalment fil-Ġeorġia u l-Kosovo.

Aħna espandejna sostanzjalment ir-relazzjoni tagħna maċ-Ċina. Ir-rabtiet mal-Kanada u mal-Ġappun huma mill-qrib u ilhom jeżistu. Ir-Russja tibqa' msieħba importanti dwar kwistjonijiet globali. Għad hemm x'isir fir-relazzjoni tagħna mal-Indja. Ir-relazzjonijiet ma' msieħba oħrajn, inklużi l-Brażil, l-Afrika t'Isfel u, fl-Ewropa, man-Norveġja u l-Isvizzera, kibru fis-sinifikat tagħhom mill-2003.

L-UE qed taħdem aktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet reġjonali, u b'mod partikolari mal-Unjoni Afrikana. Permezz tal-Istrateġija Konġunta Afrika-UE, aħna qed nappoġġaw il-kapaċitajiet Afrikani fil-ġestjoni tal-kriżijiet, inklużi l-forzi tal-għassa reġjonali u l-allert bikri. Aħna approfondixxejna r-rabtiet mal-imsieħba tagħna tal-Asja Ċentrali permezz tal-Istrateġija adottata fl-2007, bi djalogu politiku msaħħaħ, u ħidma dwar kwistjonijiet bħall-ilma, l-enerġija, l-istat tad-dritt u s-sigurtà. Bnadi oħra l-UE żviluppat impenn mal-ASEAN, dwar kwistjonijiet reġjonali bħall-Burma, mas-SAARC, u mal-Amerka Latina. L-esperjenza tagħna tagħti rwol partikolari lill-UE fit-trawwim tal-integrazzjoni reġjonali. Fejn oħrajn ifittxu li jimitawna, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, aħna għandna nappoġġawhom.

Is-sistema internazzjonali, maħluqa fi tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija, qed tiffaċċja pressjonijiet minn diversi lati. Ir-rappreżentazzjoni fl-istituzzjonijiet internazzjonali qed tkun dubitata. Il-leġittimità u l-effettività jeħtieġ li jitjiebu, u t-teħid ta' deċiżjonijiet f'fora multilaterali jeħtieġ li jsiru aktar effiċjenti. Dan ifisser li jkun hemm kondiviżjoni akbar tad-deċiżjonijiet, u ħolqien ta' aktar interess għall-oħrajn. Iffaċċjati bi problemi komuni, ma hemm xejn li jista' jissostitwixxi s-soluzzjonijiet komuni.

Il-prijoritajiet prinċipali huma t-tibdil fil-klima u l-ikkompletar tar-Round ta' Doha fid-WTO. L-UE qed tmexxi n-negozjati għal ftehim internazzjonali ġdid dwar tal-ewwel, u jeħtiġilha tuża l-mezzi kollha tagħha biex tasal għal eżitu ambizzjuż f'Kopenħagen fl-2009. Jeħtiġilna nkomplu bir-riforma tas-sistema tan-NU, li bdiet fl-2005, u nmantnu r-rwol kruċjali tal-Kunsill tas-Sigurtà u r-responsabbiltà primarja tiegħu għall-manteniment tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Il-Qorti Kriminali Internazzjonali għandha żżid l-effettività tagħha, flimkien ma' sforzi usa' tal-UE biex tissaħħaħ il-ġustizzja internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem. Hemm bżonn li nagħtu forma lill-Fond Monetarju Internazzjonali u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn b'mod li jkunu riflessi r-realtajiet moderni. Il-G8 għandu jkun ittrasformat. U aħna jeħtieġ li nkomplu l-isforzi kollettivi tagħna biex nilħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

Dawn il-kwistjonijiet jidħlu f'oqsma differenti, u jmissu mal-politika domestika daqskemm ma' dik barranija. Tassew, huma juru kif fis-seklu wieħed u għoxrin, aktar minn qatt qabel, is-sovranità titlob ir-responsabbiltà. Fir-rigward tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, l-UE għandha tkompli tmexxi 'l quddiem il-ftehim milħuq fis-Summit Dinji tan-NU fl-2005, li nikkondividu r-responsabbiltà biex nipproteġu l-popolazzjonijiet mill-ġenoċidju, reati tal-gwerra, tindif etniku u reati kontra l-umanità.

***

Iż-żamma tal-appoġġ pubbliku għall-impenn globali tagħna hija fundamentali. F'demokraziji moderni, fejn il-mezzi tax-xandir u l-opinjoni pubblika huma kruċjali fit-tfassil tal-politika, l-impenn tal-poplu huwa essenzjali għas-sostenn tal-impenji tagħna barra minn pajjiżna. Aħna niskjeraw il-pulizija, l-esperti ġudizzjarji u s-suldati f'żoni instabbli madwar id-dinja. Ir-responsabbiltà taqa' fuq il-gvernijiet, il-parlamenti u l-istituzzjonijiet tal-UE biex jikkomunikaw kif din tikkontribwixxi għas-sigurtà f'pajjiżhom.

Ħames snin ilu, is-SES stabbiliet viżjoni ta' kif l-UE tista' tkun forza biex ikollna dinja aktar ġusta, sigura u magħquda. Qrobna ħafna lejn dak il-għan. Imma d-dinja madwarna qed tinbidel b'mod mgħaġġel, b'theddid li qed jevolvi u poteri li qed jiċċaqalqu. Biex nibnu Ewropa sigura f'dinja aħjar, jeħtieġ li naħdmu aktar biex infasslu l-ġrajjiet aħna. U dan irridu nagħmluh issa.